

Brussell, 9 ta' Lulju 2018
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0125 (COD)

10801/18
ADD 2

CODEC 1229
POLMIL 100
COMPET 502
CFSP/PESC 664
CSDP/PSDC 392
COPS 252
EUMC 120
ECOFIN 702
IND 190
MI 516
RECH 328
EMPL 374

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jistabbilixxi l-Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża bil-għan li jappoġġa l-kompetittività u l-kapaċità ta' innovazzjoni tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv = Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni bl-appoġġ tal-Parlament Ewropew dwar l-implimentazzjoni tal-Programm

Sabiex il-Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża jiġi implimentat b'mod effiċjenti u tiġi żgurata konsistenza sħiħa ma' inizjattivi oħra tal-Unjoni, il-Kummissjoni beħsiebha timplimenta l-programm taħt ġestjoni diretta b'konformità mal-Artikolu 62(1)(a) tar-Regolament Finanzjarju.

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tħejjija u l-adozzjoni tal-Programm ta' Ħidma tal-EDIDP

B'konformità mal-Artikolu 188 tar-Regolament Nru 1268/2012, il-Kummissjoni hija responsabbli mit-tħejjija tal-programm ta' ħidma. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tinnota l-karattru mhux eżawrjenti tal-lista ta' prioritajiet identifikati fir-Regolament li jistabbilixxi l-Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża (EDIDP) u għalhekk mhijiex tal-fehma li dan il-każ jenħtieġ li jikkostitwixxi preċedent dwar il-marġni tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni.

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-għażla tal-esperti għall-evalwazzjoni tal-proposti skont il-Programm fil-kuntest tal-proċedura tal-għoti

Il-Kummissjoni se tiżgura li l-esperti magħżula fil-bażi tad-data tal-esperti indipendenti msemmija fl-Artikolu 15 ikollhom il-ħiliet, l-esperjenza u l-għarfien meħtieġa biex iwettqu l-kompiti tagħhom kif xieraq. Il-Kummissjoni tista' tuża kwalunkwe sors rilevanti, inkluża kwalunkwe informazzjoni li jista' jkollhom l-Istati Membri f'dan ir-rigward, filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ ir-Regolament Finanzjarju.

Il-Kummissjoni se tiżgura li jitqies kemm jista' jkun il-feedback tal-Istati Membri dwar il-kredenzjali tal-esperti fil-bażi tad-data tal-esperti indipendenti.